MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 616/2002/1

**Carmelo Galea u Angelo Galea ezercenti l-kummmerc taht l-isem ta' C & A Galea Contractors f'isimhom proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess ditta**
**Vs**
**Is-socjeta Farstone Limited**

**.**
**Il-Qorti,**
**Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi wara li  ppremettew:**
**Illi l-atturi proprio et nomine huma kredituri tas-socjeta konvenuta fl-ammont ta' ghaxart elef erba' mija wiehed u disghin Lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm10491.95) rappresentanti kumpens dovut lilhom ghal xoghol ta' thaffir, tahmil, tqattiegh ta' blat u xogholijiet relatati ezegwiti fuq inkarigu tal-istess socjeta konvenuta f'Santa Venera u Attard kif jirrizulta mill-annessi Dokumenti markati Dokumenti A u B.**

**Illi s-socjeta konvenuta naqset milli thallas l-ammont fuq imsemmi , ghalkemm interpellata ripetutament biex taghmel hekk.**

**Illi l-imsemmi ammont huwa kreditu cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-istess atturi proprio et nomine , jikkonkorru l-elememti preskritti mill-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'Malta , sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi s-socjeta konvenuta m'ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra l-talba ghall-hlas tal- imsemmi ammont hekk kif ikkonfermat fl-affidavit tal-attur Caramel Galea , Anness Dok C.**

**Talbu lis-socjeta konvenuta tghid ghalhekk ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:**

**1) Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet tal- Artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ;u**
**2) Tiddikjara lill-atturi proprio et nomine kredituri tas-socjeta konvenuta fl-ammont ta' ghaxart elef erba' mija wiehed u disghin Lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm10491.95) rappresentanti kumpens dovut lilhom ghal-xoghol thaffir ,tahmil tqattiegh ta' blat u xogholijiet relatati ezegwiti fuq inkarigu tal-istess socjeta konvenuta f'Santa Venera u Attard;u**
**3) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-atturi proprio et nomine l-imsemmija somma fl-ammont ta' Lm10491.95).**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kontestwalment prezentat u bl-imghaxijiet legali mill-prezentata ta' din ic-citazzjoni sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta , rapprezentati ta' liema gew ngunti ghas-subizzjoni taghhom.**
**Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u ;n-nota tax-xhieda taghhonm;**
**Rat li ic-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet;**

**Ikkonsidrat il-provi prodotti mill-atturi;**
**Rat in-nota tal-atturi nomine tat-23 ta' Ottubru, 2003 li biha giet ridotta is-sorte mitluba fic-citazzjoni promotrici ta' din l-azzjoni bl-ammont ta' ghaxart elef Lira Maltija (Lml0,000) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza u ghalhekk is-sorte originarjament mitluba fl-ammont ta' ghaxart elef erba' mija u wiehed u disghin Lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lml0491.95) giet ridotta ghas-somma ta' erba' mija wiehed u disghin Lira Maltija u hamsa u disghin centezmu;**
**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;**
**Billi mill-provi mhux kontradeti t-talba kif ridotta tirrizulta pruvata;**
**Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tiddikkjara lill-atturi et nomine kredituri tas-socjeta konvenuta fl-ammont ta' erba mija u wiehd u disghin Lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm491.95) rapprezentanti bilanc ta' kumpens dovut lill-atturi ghal-xoghol ta' thaffir, tahmil, tqattiegh ta' blat u xogholijiet relatati esegwiti fuq inkarigu tal-istess socjeta konvenuta f'Santa Venera u Attard u fit-tieni lok tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-atturii proprio et nomine is-somma ta' erba mija u wiehed u disghin lira maltija u hamsa u disghin centezmu bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.**

**Imhallef**

**Dep. Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------